# Transizzjoni tal-COVID-19 - Standards u Gwida għal Servizzi tal-Massaġġi

L-istandards li ġejjin inħarġu taħt l-Att dwar is-Saħħa Pubblika Kapitolu 465 tal-Liġijiet ta' Malta u jeħtieġu osservanza stretta.

Hekk kif ir-restrizzjonijiet tal-COVID-19 jiġu rilassati gradwalment, min iħaddem u l-ħaddiema jridu jaħdmu flimkien biex jadattaw u jippromwovu prattiċi tax-xogħol sikuri konsistenti mal-pariri tal-awtoritajiet tas-saħħa pubblika u biex jiżguraw li l-postijiet huma lesti għad-distanza soċjali u għall-miżuri tajbin tal-iġjene li huma kritiċi għas-suċċess tat-transizzjoni.

Min iħaddem u l-ħaddiema għandhom jipprevjenu t-trażmissjoni ta' COVID-19 waqt li jkunu fuq ix-xogħol, skont il-pariri aġġornati tal-awtoritajiet tas-saħħa pubblika.

Min iħaddem u l-ħaddiema għandhom jippreparaw għall-possibbiltà li jkun hemm każijiet ta' COVID-19 fuq il-post tax-xogħol u jkunu lesti li jieħdu azzjoni immedjatament, kif suppost, b'mod effettiv u effiċjenti, u skont ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi tal-awtoritajiet tas-saħħa pubblika.

## Standards li għandhom jiġu osservati mis-Servizzi tal-Massaġġi

- Tkun żgurata li l-kapaċità massima tal-klijenti ġewwa l-faċilità fi kwalunkwe ħin hija persuna waħda għal kull 4 metri kwadri, inkluż il-persunal (Ħalli klijent wieħed biss (1) u membru wieħed (1) mill-persunal fi kwalunkwe ħin ġewwa ħanut/salon bi spazju totali ta' anqas minn 8 metri kwadri).
- Għandu jitwaħħal ilqugħ akriliku jew tal-ħġieġ ittemprat fiż-żoni tar-reception (2 metri 'l fuq mill-art).
- Il-pultruni/siġġijiet għandhom jinżammu f'distanza minima ta' 2 metri bogħod minn xulxin jew separati b'ilqugħ akriliku jew tal-ħġieġ ittemprat b'għoli ta' 2 metri. Dan l-ilqugħ għandu jitnaddaf sew wara kull klijent (ara t-taqsima intitolata 'ambjent tal-istudjo').
- Diżinfettanti tal-idejn li fihom 70% alkoħol għandhom ikunu disponibbli fiż-żona tar-reception u ħdejn iż-żoni kollha tax-xogħol għall-użu mill-impjegati u mill-klijenti (huwa rakkomandat tagħmir tad-diżinfettanti bis-sensuri).
- Il-klijenti (u l-fornituri) iridu jilbsu maskra tal-wiċċ (li tgħatti l-ħalq, l-imnieħer u l-geddum) jew viżiera f'kull ħin sakemm ma jingħatawx istruzzjonijiet oħra mill-fornitur tas-servizz minħabba l-proċess li jkun qed isir.
- L-impjegati għandhom jilbsu maskra kirurġika jew tal-qoton jew viżiera meta jipprovdu servizz lil klijent.
- Il-fornituri tas-servizzi għandhom jaħslu jdejhom qabel kull trattament.
- Fardal/ġagaga li jintremew wara l-użu għandhom jintlibsu u jinbidlu wara kull klijent.
- Klijenti li jirċievu trattamenti tal-idejn għandhom jaħslu jdejhom u jużaw pinzell nadif/iddiżinfettat bis-sapun u ilma sħun biex inaddfu taħt id-dwiefer għal 20 sekonda qabel il-bidu tat-trattament.
- Għandu jitħalla biżżejjed ħin biex jitnaddfu l-pultruni/siġġijiet bejn klijent u ieħor. Il-

klijenti m'għandhomx jitħallew fl-istudjo qabel jitlesta s-servizz tal-klijent ta' qabilhom u l-istudjo jiġi ddiżinfettat.
- Kwalunkwe għodda u/jew tagħmir użat matul is-servizz ta' klijent għandu jinħasel u jiġi sterilizzat wara kull klijent.
- Għandu jinżamm rekord tal-ismijiet, id-dettalji tal-kuntatt u d-data tat-trattament/appuntament għall-klijenti kollha biex jiffaċilita l-ittraċċar tal-kuntatt jekk dan ikun meħtieġ.
- Oġġetti mhux essenzjali li jintmissu ħafna bħal rivisti għandhom jitneħħew.

## Nifhmu kif jinfirex il-COVID-19 u l-implikazzjoni għall-Industrija tat-terapija tal-massaġġi.

Ir-riċerka bħalissa tissuġġerixxi li l-virus SARSCoV-2 (il-virus li jikkawża l-COVID-19) jiġi trażmess minn persuna għal oħra:

- Permezz ta' qtar respiratorji prodotti meta persuna infettata tisgħol, tagħtas jew titkellem b'leħen għoli.
- Bejn nies li jkunu viċin ħafna ta' xulxin (sa madwar 2 metri).

Hemm ukoll il-possibbiltà li persuna tista' tiġi infettata bil-COVID-19 jekk tmiss wiċċ jew oġġett li għandu l-virus tal-COVID-19 fuqu u mbagħad tmiss ħalqha, imneħirha u għajnejha.

Ħafna mill-persuni infettati bil-COVID-19 jesperjenzaw sintomi ħfief u jgħaddilhom. Iżda, xi persuni jiżviluppaw kumplikazzjonijiet aktar serji u jistgħu jeħtieġu kura fl-isptar. Ir-riskju ta' mard serju jiżdied aktar ma jkollok età, għal persuni b'sistemi immuni dgħajfa u persuni b'kundizzjonijiet bħad-dijabete, mard tal-qalb u tal-pulmun.

## Amministrazzjoni ta' servizzi tal-massaġġi

**Is-sidien ta' servizzi tal-massaġġi/Il-maniġment għandhom**

- Jeżerċitaw id-dritt li jirrifjutaw id-dħul ta' klijenti jekk jidhru ma jifilħux jew għandhom id-dijarea, telf tax-xamm, jew xi sintomi respiratorji inklużi sogħla, deni, qtugħ ta' nifs, imnieħer inixxi jew uġigħ fil-griżmejn.
- Jiżguraw li l-kapaċità massima tal-klijenti ġewwa l-istudjo fi kwalunkwe ħin hija persuna waħda għal kull erba' (4) metri kwadri, inkluż il-persunal. Biex tinkiseb din ir-'regola' ta' 4 metri kwadri:
  - ikkalkula l-erja tal-istudjo (eż. it-tul tal-istudjo f'metri bil-wisa' tal-istudjo f'metri = erja tal-istudjo f'metri kwadri),
  - iddividi l-erja tal-istudjo b'4, u
  - ir-riżultat ta' dik id-diviżjoni (injora kwalunkwe fdal) hija l-kapaċità massima li l-istudjo jista' jżomm fi kwalunkwe ħin.
  - Bħala eżempju, jekk studio għandu erja ta' 25 metru kwadru, 25 ÷ 4 = 6.25, injora iż-0.25, l-istudjo għandu jippermetti sitt (6) persuni biss fi kwalunkwe ħin ġewwa l-istudjo, inkluż il-persunal.
- Iħallu biss klijent wieħed (1) u membru wieħed (1) mill-persunal fi kwalunkwe ħin ġewwa studjo b'erja totali ta' inqas minn 8 metri kwadri.
- Ikunu żguri li l-klijenti jinżammu kemm jista' jkun fl-istess żona fejn isir ix-xogħol.
- Iħeġġu lill-klijenti biex jibbukkjaw appuntament onlajn jew permezz tat-telefown; għandu jkun hemm il-ħin bejn appuntament u ieħor biex jiġu evitati klijenti li jiġu f'kuntatt ma' xulxin; walk-ins m'għandhomx ikunu permessi - tabella li turi dan għandha titwaħħal

barra l-post.

- Għandhom jinżammu rekords tal-appuntamenti inklużi d-dettalji tal-kuntatt għal minimu ta' 4 ġimgħat.
- Iħallu biżżejjed ħin għat-tindif tal-post/ambjent tax-xogħol bejn klijent u ieħor. Il-klijenti m'għandhomx jitħallew jidħlu qabel jitlesta s-servizz tal-klijent ta' qabilhom u l-kmamar tal-massaġġi jiġu ddiżinfettati.
- Ikunu żguri li l-kmamar tal-massaġġi jitnaddfu sew b'diżinfettant bejn klijent u ieħor. Dan jinkludi pultruni, siġġijiet, trolis, sinkijiet. Il-pumi tal-bibien u kwalunkwe wiċċ ieħor għandu jitnaddaf regolarment.
- Ikunu żguri li kwalunkwe sett ta' għodda u/jew tagħmir użat matul is-servizz ta' klijent għandu jinħasel u jiġi sterilizzat wara kull klijent.
- Ma jħallux lill-klijenti jistennew ġewwa u javżahom biex jaslu eżatt qabel l-appuntament tagħhom u jitilqu immedjatament wara.
- Ikunu żguri li l-klijenti jattendu għall-appuntament waħedhom. It-tfal m'għandhomx jakkumpanjaw lill-klijenti.
- Jiskedaw servizz ta' kurrier u kunsinni barra l-ħinijiet li matulhom jinqdew il-klijenti.
- Iwaħħlu stikers u tabelli mal-art li jipprovdu gwida għad-distanza soċjali.
- Iżommu rekord tal-ismijiet, id-dettalji tal-kuntatt u d-data tat-trattament/appuntament għall-klijenti kollha biex jiffaċilitaw l-ittraċċar tal-kuntatt jekk dan ikun meħtieġ.
- Ineħħu oġġetti mhux essenzjali bħal rivisti.
- M'għandhomx jipprovdu xorb u bibiti lill-klijenti. Il-klijenti għandhom jiġu avżati biex iġibu x-xorb tagħhom preferibbilment ilma.
- Iħeġġu l-ħlas mingħajr kuntatt kemm jista' jkun.
- Ikunu żguri li l-impjegati li jkunu morda JIBQGĦU d-dar.
- Jipprovdu taħriġ u materjal edukattiv dwar id-diżinfettar, il-ħasil tal-idejn, l-etikett tas-sogħla u tal-għatis, l-użu ta' maskri tal-wiċċ, viżieri, ingwanti u fradal, u mġiba protettiva oħra biex tkun evitata l-imxija tal-COVID19.
- Ikunu żguri li l-kmamar tal-persunal jitnaddfu u jiġu diżinfettati sew u ma jħallux il-persunal jinġabar fi gruppi.
- Ikunu żguri li s-sinkijiet kollha fuq il-post tax-xogħol ikollhom sapun antibatteriku u xugamani tal-karti disponibbli. Tagħmir li jnixxef bil-fluss tal-arja jew xugamani tad-drapp li jduru mhumiex permessi.
- Iwaħħlu tabelli tal-ħasil tal-idejn fil-kmamar tal-banju.
- Jipprovdu wajps bl-alkoħol ħdejn it-telefown u l-istazzjonijiet tal-ħlas.
- Dejjem jikkunsidraw skedi/sigħat ta' xogħol flessibbli biex jitnaqqas in-numru ta' nies (impjegati u klijenti) ġewwa sabiex tinżamm id-distanza soċjali.
- M'għandhomx iwettqu proċeduri li jinvolvu t-tneħħija tal-maskra tal-klijent, bħal massaġġi u trattament tal-wiċċ.
- Javżaw lill-klijenti kollha li d-dettalji tal-kuntatt se jiġu rreġistrati u se jinżammu għal erba' ġimgħat għall-iskop tal-ittraċċar tal-kuntatti.
- Xi proċeduri/massaġġi jinvolvu l-użu ta' tagħmir bħal ġebel jew boroż bil-ħxejjex aromatiċi. Dawn jeħtieġ li jitnaddfu sew jew jintremew bejn klijent u ieħor. Jekk it-tindif mhux possibbli, proċeduri bħal dawn m'għandhomx isiru.

**<u>Komunikazzjoni mal-klijenti</u>**

- Il-klijenti għandhom jiġu kkuntattjati qabel l-appuntament tagħhom u mistoqsija jekk kellhomx xi sintomi respiratorji fl-aħħar 7 ijiem jew jekk humiex fi kwarantina obbligatorja.
- Konsultazzjonijiet bit-telefown jew virtwali għandhom isiru qabel l-appuntament fejn possibbli sabiex jiġi limitat il-ħin tal-kuntatt.
- Kun żgur li l-klijenti jkunu jafu x'inhu mistenni minnhom bħala parti mill-miżuri tal-iġjene u tal-kontroll tal-infezzjoni li qed jiġu pprattikati fis-servizzi tal-massaġġi QABEL jidħlu.

Dawn jistgħu jiġu kkomunikati lill-klijenti permezz tat-telefown, permezz ta' email jew mezzi virtwali adatti oħra.

- Informazzjoni dwar servizzi, prezzijiet, kura ta' wara u appuntamenti ta' segwitu għandhom jingħataw b'mod elettroniku, permezz tat-telefown jew permezz ta' konsultazzjonijiet virtwali biex ikun evitat it-tqassim ta' fuljetti/karti/skedi tal-appuntament, eċċ.

## Inżommu prattiċi tajbin tal-iġjene

**Il-persunal għandu**

- Jevita li jmiss wiċċu, għajnejh, imnieħru u ħalqu.
- Jaħsel idejh ta' spiss speċjalment:
  - Qabel, matul (jekk meħtieġ), u wara kull trattament/servizz lil klijent
  - Qabel jilbes u wara li jneħħi l-maskri tal-wiċċ, viżiera, ingwanti u fradal
  - Qabel u wara t-tindif tal-għodda, it-tagħmir u l-ambjent fl-istudjo
  - Qabel u wara l-ikel
  - Qabel u wara pawżi tal-kafè
  - Wara li juża l-kamra tal-banju
  - Malli jasal ix-xogħol u d-dar

**Il-ħasil tal-idejn bis-sapun għandu jingħata prijorità fuq l-użu tal-għorik tal-idejn bl-alkoħol. L-applikazzjoni ta' likwidu tal-għorik tal-idejn bl-alkoħol m'għandhiex issir minflok il-ħasil tal-idejn iżda pjuttost bħala pass komplementari WARA l-ħasil tal-idejn jew jekk il-ħasil tal-idejn mhux konvenjenti.**
**Il-likwidu tal-għorik tal-idejn bl-alkoħol għandu jkun fih minimu ta' 70% alkoħol.**

- Uża xugamani tal-idejn li jintremew wara l-użu biex tnixxef idejk u biex tiftaħ u tagħlaq il-vitien.
- Tiħux b'idejn/tgħannaqx meta tilqa' lill-klijenti u lill-kollegi.
- Ikkontrolla s-saħħa u l-kundizzjoni personali tagħhom għal kwalunkwe sintomu, anke jekk ikun ħafif.
- Ilbes l-uniformijiet għax-xogħol li għandhom jinbidlu u jinħaslu kuljum wara l-użu. L-uniformijiet/ħwejjeġ li jintlibsu ġewwa l-kmamar tal-massaġġi m'għandhomx jintlibsu d-dar.
- Żomm ix-xugamani f'armarju jew f'kontenitur magħluq. Xugamani użati għandhom jitqiegħdu f'reċipjent apposta (borża tal-plastik jew ekwivalenti) biex jittieħdu direttament għall-ħasil tal-ħwejjeġ.
- Żomm id-dwiefer qosra u tapplikax akriliki.
- Żomm ix-xagħar marbut lura biex tevita li tmiss xagħrek u wiċċek bla bżonn.
- Ipprattika l-etikett respiratorju tajjeb li jeħtieġ li kulħadd fil-post, f'kull ħin:
  - jgħatti s-sogħla u l-għatis tiegħu b'tixju nadifa jew jgħatti wiċċu bil-minkeb (u ma jobżoqx)
  - jevita li jmiss wiċċu, għajnejh, imnieħru u ħalqu
  - jarmi t-tixjus użati u l-loqom tas-sigaretti użati b'mod iġjeniku, eż. f'kontenituri magħluqa
  - jaħsel idejh qabel u wara li jpejjep sigarett
  - inaddaf u jiddiżinfetta tagħmir u makkinarju li jintuża minn xulxin wara l-użu
- Persunal li jiżviluppa sogħla ħafifa, deni (jiġifieri temperatura ta' 37.2$^{o}$C jew ogħla), qtugħ ta' nifs, uġigħ ta' ras, għeja, telf tat-togħma, telf tax-xamm jew dijarea, għandu jċempel il-linja ta' assistenza tas-saħħa pubblika fuq in-numru 111 u jagħti d-dettalji tas-sintomi.

**Użu ta' Tagħmir Protettiv Personali mill-persunal**

- Il-persunal għandu jilbes maskra kirurġika jew tal-qoton jew viżiera meta jipprovdi servizz lil klijent.
- Il-maskra tal-wiċċ għandha tgħatti kompletament il-wiċċ mill-ponta tal-imnieħer sal-geddum. Naddaf idejk bis-sapun u l-ilma jew diżinfettant tal-idejn ibbażat fuq l-alkoħol qabel tilbes u tneħħi l-maskra tal-wiċċ. Meta tneħħi l-maskra tal-wiċċ, neħħiha minn wara, u evita li tmiss in-naħa ta' quddiem. Armi l-maskra tal-wiċċ b'mod sikur billi tpoġġiha f'borża tal-plastik u itfagħha fiż-żibel jekk tintrema wara l-użu. Aħsel idejk jew applika likwidu tal-għorik tal-idejn b'70% alkoħol immedjatament wara li tneħħi l-maskra tal-wiċċ. Maskri tal-wiċċ li jistgħu jinħaslu u li jistgħu jerġgħu jintużaw għandhom jinħaslu malajr kemm jista' jkun wara kull użu, bl-użu ta' deterġent komuni b'temperatura ta' 60°C.
- Maskri kirurġiċi mhumiex maħsuba biex jintużaw aktar minn darba. Jekk il-maskra tiegħek ikollha l-ħsara jew titħammeġ, jew jekk ikun diffiċli tieħu n-nifs minn ġol-maskra, għandek tneħħi l-maskra tal-wiċċ, armiha b'mod sikur, u ibdilha b'waħda ġdida.
- Il-viżieri għandhom idealment ikunu tat-tip li jistgħu jerġgħu jintużaw u jiġu diżinfettati b'mod xieraq bejn klijent u ieħor.
- L-ingwanti għandhom jintlibsu biss biex jipprovdu trattamenti/servizzi li kienu jeħtieġu l-użu ta' ingwanti anke qabel il-pandemija tal-COVID-19 għal skopijiet ta' iġjene jew biex jipprevjenu t-trażmissjoni ta' aġenti infettivi oħra bħall-HIV u l-Epatite. L-ingwanti għandhom jinbidlu u jintremew b'mod sikur wara kull klijent.
- Fardal/ġagaga li jintremew wara l-użu għandhom jintlibsu u jinbidlu wara kull klijent.

**Il-PPE użat għandu jintrema b'mod sikur fil-fluss tal-iskart imħallat (borża sewda), f'boroż doppji.**




ublic Health
wardamangia
nhec@gov.mt

**Il-klijenti (u l-fornituri)**

- Għandha tittieħdilhom it-temperatura tagħhom bl-użu ta' termometru mal-moħħ mingħajr kuntatt qabel jidħlu fil-post.
- Għandhom japplikaw likwidu tal-għorik tal-idejn bl-alkoħol meta jidħlu fil-post. Tagħmir b'likwidu tal-għorik tal-idejn b'70% alkoħol apposta għandu jkun ipprovdut fl-entratura tal-post.
- Iridu jilbsu maskra tal-wiċċ (li tgħatti l-ħalq, l-imnieħer u l-geddum) f'kull ħin sakemm ma jingħatawx istruzzjonijiet oħra mill-fornitur tas-servizz minħabba l-proċess tat-trattament.
- Għandhom jillimitaw l-affarijiet personali li jġibu magħhom idealment għal telefown ċellulari biss u l-metodu tal-ħlas.

**L-Ambjent tal-post tal-Massaġġi**

- Il-bibien u t-twieqi jridu jinżammu miftuħa, l-arja kkundizzjonata aġġustata għal aktar ventilazzjoni u l-ikkundizzjonar tal-arja ċċirkolata mill-ġdid għandha tkun evitata.
- Il-paletti tal-arja kkundizzjonata għandhom ikunu jħarsu lejn is-saqaf. Il-filtri għandhom jitnaddfu sew u jinżammu kif suppost. Il-maniġers/il-persunal tal-istudjo huma avżati biex jikkonsultaw il-gwida dwar is-sistemi tal-ikkundizzjonar tal-arja u tal-ventilazzjoni li hija disponibbli fuq https://deputyprimeminister.gov.mt/en/health-promotion/covid-19/Documents/mitigation-conditions-and-guidances/Guidance_Air-conditioning-and-ventilation-systems_23Jun20.pdf
- Huma rrakkomandati l-estratturi f'kull kamra tal-massaġġi. Dawn għandhom jitnaddfu sew kull ġimgħa.
- Għandhom jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha biex jiżguraw li s-sistemi tal-ilma jkunu sikuri biex jipprevjenu r-riskju ta' infezzjonijiet derivati mill-ilma bħall-marda tal-Leġjonellosi. Jekk il-provvista tal-ilma mqabbda mal-provvista tal-ilma ewlenija, l-ifflaxxjar tas-sistema tal-ilma bil-ftuħ tal-viti kollha għal ftit minuti għandu jkun biżżejjed. Iżda, jekk il-provvista tal-ilma ipprovduta minn tank fuq il-bejt, dan għandu jitnaddaf, u s-sistema tal-ilma mlaħalħa għal ftit minuti. Importanti li t-temperatura tal-ħiter tal-ilma tittella' għal 60°C u għalhekk m'hemmx għalfejn jittieħdu kampjuni u tinkiseb approvazzjoni mid-Direttorat tas-Saħħa Ambjentali. Jekk il-ħanut jifforma parti minn kumpless jew lukanda u l-provvista tal-ilma ssir permezz tas-sistema tal-ilma ewlenija tal-kumpless jew tal-lukanda, jekk jogħġbok imxi mal-proċedura indikata fl-Ewwel Anness.
- Imħeġġeġ l-użu ta' xugamani li jintremew wara l-użu. Jekk jintużaw xugamani li ma jintremewx wara l-użu, dawn għandhom jinbidlu wara kull klijent u jinħaslu b'temperatura ta' mill-inqas 60 grad Celsius.
- Xugamani nodfa għandhom jinħażnu f'kontenitur/kabinett magħluq.
- Qfief/kontenituri użati biex iżommu xugamani/bjankeriji maħmuġin għandhom jitnaddfu u jiġu diżinfettati kuljum. Uża qfief/kontenituri li jistgħu jinżammu magħluqin jew jintużaw ma' inforor li jistgħu jitneħħew u jintremew.
- Kemm jista' jkun uża għodod u provvisti b'użu uniku li jintremew wara l-użu biex tgħin tnaqqas ir-riskju ta' kontaminazzjoni minn post għal ieħor.
- L-għodda kollha li tista' titnaddaf u tista' terġa' tintuża għandha tiġi sterilizzata/diżinfettata (strettament skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur) bl-użu ta' prodotti li huma ttestjati skont standards approvati.
- Għodda nadifa għandha tinżamm f'ambjent nadif u mgħottija sew sakemm tiġi biex tintuża.
- L-għodda kollha użata trid tinħażen f'kontenitur magħluq immarkat apposta sakemm titnaddaf u tiġi diżinfettata.
- It-tagħmir kollu użat waqt trattament/servizz għandu jitnaddaf u jiġi diżinfettat wara kull

użu. Dan għandu jsir skont il-linjigwida tal-manifattur u għandhom jiġu kkonsultati l-fornituri tat-tagħmir biex jiġu vverifikati liema metodi xierqa ta' tindif u diżinfettar għandhom jintużaw.

- Tinsiex tnaddaf ukoll il-kordi tal-apparat elettriku.
- Kun żgur li l-prodotti kollha bħal żjut tal-massaġġi, eċċ., jinħażnu f'kontenitur magħluq u jekk le, dawn għandhom jintremew u jinbidlu.

**It-tindif tal-uċuħ tal-kamra tal-massaġġi huwa kruċjali biex ikun evitat u mnaqqas it-tixrid ta' virusis u mikrobi oħra.**

  - Ilbes ingwanti li jintremew wara l-użu waqt li tnaddaf u tiddiżinfetta l-post.
  - Imsaħ **l-uċuħ kollha** (pavimenti, uċuħ tal-bankijiet tax-xogħol, trolis, pultruni, siġġijiet, sinkijiet/friskaturi, eċċ.) b'diżinfettant u aġenti tat-tindif ta' grad mediku skont il-linjigwida u ħallihom jinxfu bl-arja.
  - Biex id-diżinfettant jaħdem għandu jkun osservat il-ħin tal-kuntatt fuq it-tikketta. Il-ħin tal-kuntatt jirreferi għall-ħin kemm id-diżinfettant huwa viżibbilment imxarrab fuq il-wiċċ biex jippermettilu kompletament jeqred il-patoġeni kollha. Il-ħin ta' kuntatt tipiku għall-immersjoni/sprejs huwa ta' 10 minuti, għal wajps diżinfettanti huwa ta' 2-4 minuti.
  - Tinsiex tnaddaf il-punti tal-mess kollha b'diżinfettant u aġent tat-tindif ta' grad mediku ta' spiss matul il-ġurnata. Dawn jinkludu pjanċi li timbotta fuqhom/pumi tal-bibien, swiċis tad-dawl, manek tal-friġġ, partijiet li jintmissu fuq l-ixkaffar, dispensers tas-sapun, lievi tal-flaxing tat-tojlit u vitien, magni tal-kards.

- It-tindif tal-post tax-xogħol għandu jkun ripetut wara kull klijent.
- Għandhom jinżammu oġġetti mill-inqas fuq uċuħ ibsin.
- Fejn possibbli evita li tuża kwalunkwe materjal jew għamara fuq il-post li huwa diffiċli tnaddfu bħal twapet, sufani tad-drapp, eċċ.

Kif iżżomm ruħek aġġornat: [www.covid19health.gov.mt](http://www.covid19health.gov.mt)

**L-Ewwel Anness**

Dawn li ġejjin huma r-rekwiżiti legali li għandhom jitwettqu fuq is-sistemi tal-ilma qabel il-post ikun jista' jerġa' jiftaħ:

1 Wettaq diżinfezzjoni tas-sistema sħiħa tas-sistema tal-ilma kiesaħ, billi tifflaxxja mill-ħruġ kollha biex tikseb 50mg/l ta' kloru liberu għal mill-inqas siegħa billi tivverifika li dan il-livell jinkiseb fl-iktar ħruġ 'il bogħod. Dan jista' jinkiseb ukoll bl-użu, eż. 5mg/l għal 10 sigħat (dan kollu jiddependi fuq il-kundizzjoni tas-sistema tal-pajpijiet tal-ilma). Importanti li terġa' timla meta jkun meħtieġ matul dan il-proċess;

2 Battal u erġa' imla s-sistema biex tilħaq livelli massimi ta' diżinfettar normali tal-operat (ekwivalenti għal mill-inqas 0.2mg/l kloru liberu);

3 Erġa' imla u wettaq xokk termali billi tgħolli t-temperatura tal-kontenut kollu tal-ħiter tal-ħażna tal-misħun minn 70$^{o}$C għal 80$^{o}$C imbagħad iċċirkola dan l-ilma fis-sistema kollha sa tliet ijiem. Biex tkun effettiva, il-kapaċità u t-temperatura tal-ħiter tal-ħażna tal-misħun għandhom ikunu biżżejjed biex jiżguraw li t-temperaturi fil-viti u l-apparat ma jaqgħux taħt il-65$^{o}$C. Kull vit u apparat għandu jitħaddem b'mod sekwenzjali għal mill-inqas ħames minuti bit-temperatura massima, waqt li jittieħdu prekawzjonijiet xierqa biex jitnaqqas ir-riskju li tinstamat;

4 Immonitorja t-temperaturi u l-livelli ta' bijoċidi fejn applikabbli, aġġusta fejn meħtieġ, għal mill-inqas 48-72 siegħa u mbagħad ħu kampjuni ta' Leġjonella mill-ħruġ tas-sentinella (kampjuni mikrobijoloġiċi meħuda qabel 48 siegħa wara d-diżinfettar jistgħu jagħtu riżultati negattivi foloz);

5 Kun żgur li żżomm id-dokumentazzjoni kollha għall-ispezzjoni mill-Awtorità Kompetenti, inklużi r-reviżjoni u l-aġġornament tal-manwal tal-valutazzjoni tar-riskju inkluża dejta ta' monitoraġġ, eċċ., b'evidenza ta' min wettaq il-monitoraġġ, żid il-ħin, id-data u l-firma;

6 Ir-riżultati tal-laboratorju għall-analiżi tal-Leġjonella li għandhom isiru f'laboratorju akkreditat, flimkien mad-dokumentazzjoni kollha meħtieġa msemmija fil-punt 5 t'hawn fuq u dikjarazzjoni minn konsulent privat tal-ilma li taħtu sar dan it-trattament tas-sistema tal-ilma għandhom jintbagħtu lit-Taqsima dwar ir-Regolazzjoni u l-Verifika tal-Ilma fid-Direttorat tas-Saħħa Ambjentali qabel jerġa' jiftaħ l-istabbiliment;

7 Ladarba jinstab li s-sistemi tiegħek tal-ilma sħun u kiesaħ huma taħt kontroll imbagħad l-istabbiliment ikun jista' jerġa' jiftaħ.

**Office of the Superintendent of Public Health**
Out-Patients Dept. Level 1, St Luke's Hospital Gwardamangia
**t** +356 25953302/3 **e** sph.mhec@gov.mt